“Isma’, ibni, mit-tagħlim ta’ l-Imgħallem, u iftaħ il-widnejn ta’ qalbek; ilqa’ l-pariri ta’ Missierek li jħobbok u wettaqhom.” (RB Prol 1-2)





*“Min hu l-bniedem li jħobb il-ħajja, u jixtieq jara għomru kollu riżq?” Jekk x’ħin tisma’ dan inti twieġeb: “Jiena”, il-Mulej jgħidlek: “Jekk trid tikseb il-ħajja vera u dejjiema, tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh”.* (RB Prol 15-17)

**Il-bniedem jgħix fid-dinja u qiegħed dejjem ifittex il-ferħ u l-paċi. Iżda Alla biss, li Hu mħabba u l-għajn tal-ferħ veru jista’ jimla’ din ix-xewqa. Ghalhekk il-bniedem, ukoll bla ma jaf, qiegħed dejjem ifittex lil Alla.**







Għal iżjed minn 700 sena’ l-Abbazia benedettina di Santa Maria di Monte Oliveto ħdejn Siena huwa post privileġġat fejn irġiel mid-dinja kollha “fil-proċess tal-ħajja monastika u tal-fidi, b’qalbhom miftuħa, ġrew fit-triq tal-preċetti tal-Mulej, bi ħlewwa ta’ mħabba liema bħalha.” (RB Prol, 49)

Abbazia S. Maria di Monte Oliveto Maggiore, 53041 Asciano (SI)
Telephone: (+39) 0577 707611 Fax: (+39) 0577 707670 web: www.monteolivetomaggiore.it / www.agricolamonteoliveto.com











Il-monaċi "bojod" għadhom sal-llum jimxu fil-passi tal-fundatur tagħhom San Bernardo Tolomei u taħt il-ħarsien tal-Verġni Mqaddsa Marija jgħixu ħajja ta' talb u ta' xogħol, f'għaqda ta' fraternita', jaqsmu bejniethom il-ferħ u n-niket, u jerfgħu it-toqol ta' xulxin f'ħajja ta' ubbidjenza taħt Regola u Abbati. Din il-ħajja fis-skiet tal-monasteru ggib magħha il-paċi interjuri.

Mis-sena' 2008, ż-żagħżugħ Malti, dom Guglielmo Maria qiegħed jgħix il-ħajja ta' monaco Olivetan f'din l-abbazija. Jekk inti wkoll tixtieq tagħmel dixxerniment vokazzjonali (bit-Taljan) ikteb lil **noviziato@monteolivetomaggiore.it**

Jekk tixtieq taqsam magħna il-ħajja tagħna għal ftit ġranet ta' skiet u paċi ikteb lil **foresteria@monteolivetomaggiore.it**

**Abbazia di Monte Oliveto Maggiore**